MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 1035/2000/1

Avviz Nru  1035/00DM

Illum Elmo Insurance  Limited

vs

Peter Montebello

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' seba'  mija tlieta u ghoxrin liri Maltin u hames  centezmi (Lm723.05) dovuta minnhu bhala premium fuq poloz ta' assikurazzjoni ta' karrozzi mahruga favur tieghu mill-kumpanija attrici skond il-kont mal-avviz unit markat Dok A.

Bl- ispejjez komprizi dawk tal ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2000 u bl-imghax ta' 8% mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Montebello fejn eccepixxa illi:

1 Huwa jammetti illi ghandu jaghti is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm235) il-Qorti izda jikkontesta l-bilanc u dan ghaliex jghid illi l-ammont mhux dovut u ghaliex kien hemm ftehim bejn il-partijiet;

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-kumpanija attrici pprezentata fit-13 ta' Gunju 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma tirrizultax kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatt illi l-konvenut kellu zewg vetturi assikurati ghal sena mall-kumpanija attrici li kienu vetturi bin-numri DAM-343, u DBB-443, izda waqt illi l-atturi qieghdin jitolbu 'premium' komplessivi ta' seba' mija, tlieta u ghoxrin lira Maltin u hames centezmi (Lm723,05) bhala 'premium' ghall-assikurazzjoni pprovduta lill-konvenut, il-konvenut qieghed jammetti illi huwa ghandu jghati 'premium' ghall-assikurazjoni ta' dawn iz-zewg vetturi ridott b'sittin fil-mija (60%) tal-valur tieghu minhabba ftehim specifiku u espress mall-kumpanija attrici. Infatti l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jammetti illi huwa ghandu jaghti 'premium' ta' mitejn, hamsa u tletin lira Maltin (Lm235).

Il-kwistjoni kollha tirrigwarda laqgha li kellhom il-konvenut ma’ rappresentanti tal-kumpanija attrici fejn saret proposta mill-konvenut illi huwa jassikura mall-kumpanija attrici flotta ta’ erbghatax-il vettura, xi makkinarju u anke ‘cabin cruiser’ u l-kumpanija attrici, talli l-konvenut kien ser jghaddilhom daqstant xoghol, kienu disposti illi jtuh riduzzjoni fil-valur tal-‘premiums’ dovuti ta’ sittin fil-mija (60%).

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar il-fatt illi din ir-riduzzjoni skond l-atturi kienet ikkundizzjonata ghall-verifika illi l-konvenut kellu ‘claims history’ ma’ socjeta’ assikuratrici ohra illi kienet tajba, waqt illi l-konvenut, nonostante l-informazzjoni pprovduta minn ‘Citadel Insurance Agency Limited’ isostni illi din l-informazzjoni ma tikkwalifikax bhala ‘claims history’ hazina.

F’dan ir-rigward ghandu jinghad mill-ewwel illi x’jikkostitwixxi ‘claims history’ tajba jew hazina ghandha tkun ghat-totali diskrezzjoni ta’ min qieghed jassikura bl-ebda possibilita’ ta’ ndhil ta’ min qieghed jigi assikurat. Infatti huwa fl-interess esklussiv ta’ min qed jassikura illi jattira kemm jista’ jkun xoghol ghas-socjeta’ assikuratrici u li joffri dawk il-koncessjonijiet kollha possibbli salv pero’ li tkun id-decizjoni tieghu biss illi ma jassumix riskji ikbar minn dak illi jkun jidher.

Infatti anke fin-notamenti ta’ Lino Ferres maghmulin fit-13 ta’ Mejju, 1999, esibiti bhala dok. ... a fol. 19 tal-process, jirrizulta illi effettivament kienet giet diskussa r-riduzzjoni tal-‘premiums’ b’sittin fil-mija (60%) u li kienet tinkludi ukoll ‘non claim bonus’ u gie ndikat ukoll illi dan l-arrangament kien soggett ghall-konferma illi l-‘claims history’ tal-konvenut kienet wahda tajba.

Infatti dakinhar stess il-kumpanija attrici kienet talbet lil ‘Citadel Insurance Agency Limited’ il-‘claims history’ tal-konvenut u anke ghamlet talba simili fil-21 ta’ Mejju, 1999, sakemm fl-24 ta’ Mejju, 1999, inghatat lista dettaljata tal-‘claims’ kollha li kien ghamel il-konvenut u li tinsab esebita bhala dokument ‘D’ a fol. 23 tal-process.

Izda jirrizulta illi kien biss fit-23 ta’ Novembru, 1999, illi l-atturi nfurmaw lill-konvenut illi huma kienu qed jiritiraw mill-ftehim prospettat minhabba illi l-‘claims history’ tieghu ma kienx posittiv, u dan kif jirrizulta mid-dokument ‘E’ a fol. 24 tal-process.

Ghalhekk billi jirrizulta illi l-konvenut kien lahaq assikura mall-kumpanija attrici zewg (2) vetturi b’effett mill-1 ta’ Mejju, 1999, huwa kellu ragun jassumi illi, fin-nuqqas ta’ ebda reazzjoni mill-atturi, l-‘premium’ ta’ l-assikurazzjoni relattiva kellhu jkun ridott b’sittin fil-mija (60%) tal-valur normali.

Evidentement meta gie nfurmat sitt (6) xhur wara mill-kumpanija attrici illi r-riduzzjoni ma kienitx ser tigi koncessa ghaliex huma kienu ddecidew illi ma kienx issodisfa l-kundizzjoni ta’ ‘claims history’ nadifa, huwa kellu wkoll jinghata l-fakulta’ illi minn dak il-mument huwa seta’ jhassar l-assikurazzjoni korrenti.

Iktar u iktar, jirrizulta li l-konvenut ghandu d-dritt jibbenefika bir-riduzzjoni ta’ sittin fil-mija (60%) ghall-ewwel sitt (6) xhur ta’ l-assikurazzjonji, meta wiehed jikkunsidra illi l-kumpanija attrici, munita bil-‘claims history’ tal-konvenut, ma kienitx immedjatament infurmatu ufficjalment illi ma kienitx ser tapplika r-riduzzjoni prospettata. Ma kelliex thalli sitt (6) xhur jiskadu qabel ma taghmel dan.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-konvenut ghandu jibbenefika mir-riduzzjoni ta’ sittin fil-mija (60%) mill-‘premiums’ in kwistjoni indikati fl-‘statement’ a fol. 42 tal-process ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur sal-31 ta’ Ottubru, 1999, izda billi l-konvenut xorta wahda halla l-assikurazzjoni ta’ l-istess vetturi ghaddejja u bbenefika mill-‘insurance cover’ ghar-rimanenti sitt (6) xhur ghandu jhallas il-‘premium’ intier ghar-rimanenti sitt (6) xhur tas-sena.

Ghaldaqstant ghall-ewwel sitt (6) xhur il-konvenut, fejn kien tenut ihallas nofs l-ammont li qed jitolbu l-atturi ossija

nofs is-somma ta’ seba’ mija, tlieta u ghoxrin lira Maltin u hames centezmi (Lm723,05) ekwivalenti ghas-somma ta’ tlett mija, wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm361,50), irid jibbenefika mir-riduzzjoni ta’ sittin fil-mija (60%) fuq dan l-ammont biex b’hekk il-konvenut huwa tenut ihallas ghall-ewwel sitt (6) xhur tas-sena ta’ assikurazzjoni s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100).

Ghar-rimanenti sitt (6) xhur pero’ il-konvenut huwa tenut illi jhallas is-somma ta’ tlett mija, wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm361,50) fl-intier taghha.

Ghaldaqstant tiddisponi mit-talba attrici billi tilqa’ limitatament l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkunndannah sabiex ihallas lill-atturi ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghhom is-somma ta’ erba’ mija, wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm461,50) bl-imghax legali b’effett mill-14 ta’ Lulju, 2000.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------